Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Attard.
Data: 22 ta' Gunju 2017

Ombudsman,

Ormaj ghaddew fuq 3 xhur mindu kont ressaqt l-ilmenti tieghi quddiemek li fih infethu 3 kazijiet li wiehed minnhom, HR022 – ilment kontra l-Psikjatra David Cassar, gie assenjat lill-Kummissarju tas-Sahha fi hdan l-ufficju tieghek.

Kif ga semmejt, l-abbuz ta' dan il-Psikjatra hu aktar gravi meta tqis li ghax sempliciment ma jridx jirtira dak li lahaq kiteb fil-perizja u biex ma jigix jidher li ghamel gudizzju ghal kollox zbaljat fuqi, qed jibqa' jsostni li jien ghandi xi mard mentali, biex inkun preciz, li jien schizophrenic, meta jien qatt ma wrejt sintomi ta' din il-marda. Dan bhal meta wiehed jigi jivvinta fuqek li ghandhekk id-dementia, tghidlu l-memorja dejjem kienet u ghadha intatta, qatt ma nsejt xejn, u minkejja li qatt ma wrejt sintomi ta' din il-marda, xorta jibqa' jinsisti li tbati biha, qisu "a catch all interpretation" bhal kif kien il-kaz tal-malaria fil-passat, ghal kollox iwahhlu fl-arja hazina biex niehdu ezempju. Biex izzid ma dan, fl-ilment li kont ressaqt quddiemek kont anki nizzilt lista ta' 7 punti li l-Psikjatri naqsu li jiehdu 'n konsiderazzjoni.

Ma nafx jekk sadanittant fittixt ir-rapport tal-Psikjatri li saru fuqi ghall-Qorti (u kif anki gie rrapurtat fil-media) fejn fihom ibbazaw kollox fuq li ghamilt ghax waqaft niehu l-kura, cioe minhabba semplici pirmla zghira u wahda biss ta' 2mg kuljum, tista' ssejhilha l-'wonder pill' tant kemm enfasizzaw li din it-tali kura ghandha poteri straordinarji, u kif ga ghidt jien mhux biss fit-3 snin ta' qabel l-arrest meta kont qed naghmel ir-reati ma hadtix, imma lanqas fis-9 snin ta' qabel ma hadtha, u fost il-provi li ghandi hemm: 1) is-37 jum li l-istess Psikjatra qafilni fl-isptar Mount Carmel fl-2002 apposta ghax ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali, u 2) kaxxi bil-pirmli ghadhom intatti datati fost l-ohrajn 2005 li juru li jien qatt ma hadt il-kura tieghu (nista' ngib kexxun shih mimli bihom jekk kaxxa mhix bizzejjed bhala prova). U minkejja li qatt ma hadt il-pirmli tieghu u ebda ohrajn, qatt ma kont hadt gurnata sick leave fil-15-il sena li kont ilni nahdem ghajr meta qafilni l-isptar fl-2002 (tista' wkoll tikkonferma dan ma tas-Sigurta Socjali) li jkompli jikkonferma kemm kien ghal kollox zbaljat fil-gudizzju tieghu fuqi meta ordnali l-pirmli u kkundannani ta' xi wiehed mentali.

Il-konsegwenzi ta' l-agir tieghu huma daqstant iehor gravi ghax bl-injection li qed itini gabni nkapacitat, cioe nbati minn impotenza u ma norqod kwazi xejn matul il-jum/lejl (forsi siegha, l-aktar saghtejn kollox f'gurnata shiha) fost l-ohrajn biex ikompli jzidli mal-mizerja li ghaddej minna. Biex ma rnexxiliex niggennen s'issa meta tlift kollox (familja, xoghol, liberta, reputazzjoni, etc.) u maghhom zied dawn it-torturi mentali li gabni fihom (sahansitra l-istess injection b'cans ta' 1 minn 10 tqabbdek disprament, kif gieli qed jaqbadni meta jien qatt ma sofrejt minn dawn l-affarijiet qabel l-arrest), zgur li ma kellix ghalfejn inkun depressed jew marid qabel l-arrest meta ma kien jonqosni xejn (fil-fatt, kif ga ghidt, qatt ma kont hadt gurnata sick leave u hadd minn fuq ix-xoghol jew minn tal-familja ma qatt irraporta xi haga abnormali fuqi). Li kieku mhux hlief hmerijiet ghamilt minflok reati gravi bhal spiccajt nisraq, bhalma jispiccaw jaghmlu whud mid-drogati li jispiccaw jinqabdu b'xi 30 u aktar serqiet, kien nahseb jaqbilli aktar f'ghajnejn il-ligi. Il-mistoqsija tigi wahedha: allura dawn id-drogati li jispiccaw jisirqu huma schizoprenici wkoll bl-istess kejl ta' dan il-Psikjatra talli baqghu jirrepetu d-doppju u aktar minni u reati bil-wisq aktar gravi? Mhux ta' b'xejn jghidu li l-forka ghall-izvinturat.

Biex tkompli tara kemm hu f'kollox zbaljat u jordna dozi bl-addocc, fit-8, 14 u 28 t'Awissu '14 ordnali l-injection Fluaxol u zidieli minn 10mg, ghal 20mg (id-doppju), ghal 30mg (it-tripplu) rispettivament, u baqa' jtini din id-doza kull gimghatejn, izda tant kemm fost l-ohrajn gabni nixxengel u dan meta ordnali maghha xebgha pirmli ghal kontra dawn is-side effects (ghax il-kura tieghu hi li l-ewwel imardek imbaghad jipprova jikkoregi u jesperimenta fuqek, qisek gunea pig), fit-2 t'Ottubru '14 naqqasili ghall-30mg kull 4 gimghat (-50%) u fid-29 ta' Novembru '14 naqqasili ghal 20mg kull 4 gimghat (-33% ohra) u xorta bqajt nixxengel u nzid. Fit-30 t'April '16 qalibni ghal injection Risperdal u gimghatejn wara ghollihieli minn 25mg ghal 37.5mg kull gimghatejn sal-20 t'Ottubru '16 meta rega' naqqasa ghal 25mg kull gimghatejn (-33%) minhabba s-side effects modd iehor li qabbditni u ghadni nsofri bihom.

Ghaldaqstant nitlob li ma jibqghax jintilef hin u tagevolaw lil dan il-Psikjatra u ma nistax nifhem kif tibqghu ma tiehdux passi fuq l-abbuzi gravissimi tieghu ghax ma kull gurnata li tghaddi qed inbati l-konsegwenzi. Wara kollox ma nafx humiex permanenti dawn is-side effects ta' l-injection, jekk ormaj gabnix nkapacitat ghall-ghomri fuq sempliciment suppozizzjoni zbaljata tieghu u li ormaj hu konxju minnha (kif ghidt meta ressaqt il-kaz, kont gharraftu f'ittra datata 9/10/16 li ma kont qatt hadt il-pirmli tieghu u li dan il-fatt jaqleb kollox ta'  taht fuq, apparti s-7 punti li semmejt li ma hadux 'n konsiderazzjoni waqt il-perizji). Fuq kollox ghall-izbalji fil-gudizzju tieghu u biex isalva wiccu, m'ghandix inbati jien u fuq kollox sahhti biex tista' tghid kompla rrovinali l-ftit li baqa' mill-futur tieghi u minni. Dan hu kaz serju ta nuqqas ta' professjonalita f'xoghlu u fil-qasam tas-sahha u abbuz mill-pozizzjoni tieghu fost l-ohrajn u fuq kollox meta dan l-ilment ressaqtuh quddiem il-Kummissarju tas-Sahha fl-ufficju tieghek, dan ma setghax baqa' passiv, ma jiehux passi u ma jinvestigax b'modd immedjat – mela fuq affarijiet serji bhal dawn tista' thalli lill-vittma jistenna u tibqa' tipposponi. Biex ghaddew 3 xhur shah u baqa' ma sar xejn, idahhalli d-dubji li dan il-Kummissarju tas-Sahha hu midhla ta' Cassar (cioe hemm kwistjoni ta' hbieb ta' hbieb), li jgeghlu jhossu skomdu biex jiehu passi kontrih (il-veru kaz ta' kappell ma jmerix lill-iehor), u allura hemm possibilment car ta' kunflitt t'interess li jgeghlu jkun imparzjali u mhux f'pozizzjoni li jiehu passi. Ghaldaqstant nitolbok tinvestiga int personalment u ma jibqghax jintilef aktar hin.

Dejjem tieghek,

______________
Nicholas Grech
(ID No: [redacted]M)
(Mob No: [redacted])